



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**



7926/08 (Presse 87)

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

2862 laqgħa tal-Kunsill

Agrikoltura u Sajd

Brussell, 14 ta' April 2008

President

Is-Sur Iztok JARC

Ministru ta' l-Agrikoltura, il-Foresti u l-Ikel tas-Slovenja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

7926/08 (Presse 87)

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill adotta Regolament li jaġġusta **l-kwoti tas-sajd tal-Polonja għall-merluzz tal-Baħar Baltiku** fuq perijodu ta' erba' snin, b'kumpens għas-sajd żejjed li sar mis-sajjieda Pollakki fl-2007.*

Ir-Regolament jirrikjedi li l-Polonja "tirrimborża" 10 % tal-kwoti maqbużin fl-2008, u 30 % oħrajn f'kull waħda mis-snin 2009, 2010 u 2011, b'tali mod li jkunu evitati konsegwenzi soċjo-ekonomiċi fl-industrija tas-sajd Pollakka.

*Il-Kunsill adotta Direttiva dwar **il-kwalità ta' l-arja** fl-ambjent u l-arja aktar nadifa, filwaqt li aċċetta l-emendi kollha vvutati mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari, wara ftehim milħuq bejn il-Parlament u l-Kunsill. Id-Direttiva hija maħsuba li ttipprovdi, b'mod partikolari, protezzjoni aħjar mill-effetti negattivi fuq is-saħħa ta' partikuli tat-trab fini.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

KWOTI TAS-SAJD GĦALL-MERLUZZ GĦALL-POLONJA	7
SAJD ILLEGALI, MHUX IRRAPPURTAT u MHUX IRREGOLAT	8
PJAN TA' RKUPRU GĦALL-ISTOKKIJIET TAL-MERLUZZ	10
AFFARIJIET OĦRAJN	12

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AGRIKOLTURA

– Organizzazzjoni tas-suq komuni - Inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda	16
– Prezzijiet taz-zokkor tal-kannamiela - Negożjati ma' l-istati AKP u l-Indja	16

POLITIKA KOMUNI TA' SIGURTÀ U DIFIŻA

– Iraq - missjoni integrata ta' l-UE ta' l-istat tad-dritt	17
– Armi tal-qerda massiva - appoġġ mill-UE għal organizzazzjonijiet internazzjonali	18
– Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża.....	20

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Baġit tas-SIS u s-SISNET - Parteċipazzjoni ta' l-Isvizzera	21
--	----

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

– Ir-Repubblika tal-Ginea - Rispett għall-prinċipji demokratiċi.....	21
– Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp	22

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

POLITIKA KUMMERĊJALI

- Ftehim kummerċjali plurilaterali kontra l-kontrafazzjoni23

STATISTIKA

- Statistika Komunitarja dwar l-istruttura u l-attività ta' affiljati barranin23
- Statistika dwar id-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien *.....24

AMBJENT

- Kwalità ta' l-arja24

KULTURA

- Sħubija Ewro-Mediterranja - Konferenza tal-Ministri tal-kultura26

ĦATRIET

- Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.....27

PARTEĊIPANTI

Il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kienu rappreżentati kif ġej:

Belġju:

Is-Sinjura Sabine LARUELLE

Is-Sur Kris PEETERS

Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, is-Self Employed u l-Agrikoltura
Ministru-President tal-Gvern Fjamming u Ministru Fjamming għar-Riforma Istituzzjonali, Portijiet, Agrikoltura, Sajd fil-Baħar u Politika Rurali

Bulgaria:

Is-Sur Nihat Tahir KABIL

Ministru ta' l-Agrikoltura u l-Provvista ta' l-Ikel

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Ivo HLAVÁČ

L-Ewwel Viċi Ministru ta' l-Agrikoltura

Danimarka:

Is-Sinjura Kjer Eva HANSEN

Ministru ta' l-Ikel

Ġermanja:

Is-Sur Gert LINDEMANN

Segretarju ta' l-Istat, Ministeru Federali ta' l-Ikel, l-Agrikoltura u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Estonja:

Is-Sur Jaanus TAMKIVI

Ministru ta' l-Ambjent

Irlanda:

Is-Sinjura Mary COUGHLAN

Is-Sur John BROWNE

Ministru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel
Ministru ta' l-Istat fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel (b'responsabbiltà speċjali għas-Sajd)

Greċja:

Is-Sur Alexandros CONTOS

Ministru għall-Iżvilupp Rurali u l-Ikel

Spanja:

Is-Sur Josep PUXEU

Is-Sur Juan Carlos MARTIN FRAGUEIRO

Is-Sinjura Pilar MERINO TRONCOSO

Segretarju Ġenerali ta' l-agrikoltura u l-ikel, Ministeru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel
Segretarju Ġenerali tas-Sajd, Ministeru ta' l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel
Ministru ta' l-Agrikoltura, il-Bhejjem, is-Sajd u l-Agrikoltura tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji

Franza:

Is-Sur Michel BARNIER

Ministru ta' l-Agrikoltura u s-Sajd

Italja:

Is-Sur Paolo DE CASTRO

Ministru tal-Politika Agrikola, Alimentari u Forestali

Ċipru:

Is-Sur Panicos POUROS

Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Agrikoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent

Latvja:

Is-Sur Mārtiņš ROZE

Ministru ta' l-Agrikoltura

Litwanja:

Is-Sur Kazys SIVICKIS

Sotto Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru ta' l-Agrikoltura

Lussemburgu:

Is-Sur Fernand BODEN

Is-Sinjura Octavie MODERT

Ministru ta' l-Agrikultura, il-Vitikultura u l-Żvilupp Rurali, Ministru għall-Klassijiet Medji, it-Turiżmu u d-Djar

Segretarju ta' l-Istat għar-Relazzjonijiet mal-Parlament, Segretarju ta' l-Istat għall-Agrikultura, il-Vitikultura u l-Iżvilupp Rurali, Segretarju ta' l-Istat għall-Kultura, l-Edukazzjoni Ogħla u r-Riċerka

Ungerija:

Is-Sur Barnabás FORGÁCS

Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali

Malta:

Is-Sur George PULLICINO

Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Olanda:

Is-Sinjura Gerda VERBURG

Ministru ta' l-Agrikultura, in-Natura u l-Kwalità ta' l-Ikel

Awstrija:

Is-Sur Walter GRAHAMMER

Is-Sur Martin HAUER

Deputat Rappreżentant Permanenti

Membru tal-Kabinet tal-Ministru Federali ta' l-Agrikultura, il-Foresti, l-Ambjent u r-Riżorsi ta' l-Ilma

Polonja:

Is-Sur Kazimierz Florian PLOCKE

Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali

Portugall:

Is-Sur Jaime SILVA

Is-Sur Luís VIEIRA

Ministru ta' l-Agrikultura, l-Iżvilupp Rurali u s-Sajd

Segretarju ta' l-Istat għall-Agrikultura u s-Sajd fil-Ministeru ta' l-Agrikultura, l-Iżvilupp Rurali u s-Sajd

Rumanija:

Is-Sur Marius HIRTE

Deputat Rappreżentant Permanenti

Slovenja:

Is-Sur Iztok JARC

Is-Sinjura Branka TOME

Ministru ta' l-Agrikultura, il-Foresti u l-Ikel

Segretarju ta' l-Istat, Ministeru ta' l-Agrikultura, il-Foresti u l-Ikel

Slovakkja:

Is-Sur Peter JAVORČÍK

Deputat Rappreżentant Permanenti

Finlandja:

Is-Sinjura Sirkka-Liisa ANTILA

Ministru ta' l-Agrikultura u l-Foresti

Svezja:

Is-Sur Eskil ERLANDSSON

Ministru ta' l-Agrikultura

Renju Unit:

Lord Geoff ROOKER

Ministru ta' l-Istat għall-Ikel u l-Biedja Sostenibbli u s-Saħħa ta' l-Annimali

Ministru Skoċċiż ta' l-Ambjent

Is-Sur Michael RUSSELL

Kummissioni:

Is-Sinjura Mariann FISCHER BOEL

Is-Sur Joe BORG

Is-Sinjura Androulla VASSILIOU

Membru

Membru

Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI**KWOTI TAS-SAJD GĦALL-MERLUZZ GĦALL-POLONJA**

Il-Kunsill adotta regolament li jaġġusta l-kwoti tas-sajd tal-Polonja għall-perijodu 2008-2011 għall-merluzz tal-Baħar Baltiku fis-subdiviżjonijiet 25-32 (*dok. 7827/08 + COR 1*).

Ir-regolament jipprevedi "rimborż" fuq erba' snin b'kumpens għas-sajd żejjed li sar mis-sajjieda Pollakki fl-2007. Il-Polonja ser tirrimborża 10 % tal-kwota maqbuża fl-2008 u 30 % oħrajn f'kull waħda mis-snin 2009, 2010 u 2011, b'tali mod li jkunu evitati konsegwenzi soċjo-ekonomiċi fl-industrija tas-sajd Pollakka.

Ir-rimborż huwa kondizzjonali fuq li l-Polonja tiegħu azzjoni biex tikkontrolla s-sajd u biex tnaqqas il-kapaċità żejda tal-flotta tas-sajd tagħha, inklużi dispożizzjonijiet ġodda dwar il-monitoraġġ tal-kwoti, l-iskreppjar tal-flotta tal-merluzz u/jew it-trasferiment tagħha, anki parzjalment, għas-sajd ta' speċi pelaġiċi. Il-progress lejn dawn l-oġettivi ser ikun soġġett għal reviżjoni annwali.

Ir-regolament huwa mmirat biex jimplimenta dikjarazzjonijiet li saru meta l-qabdiet permessi totali u l-kwoti tas-sajd għall-Baħar Baltiku kienu adottati għall-2008¹.

¹ Ara d-dikjarazzjoni għall-istampa 15333/07 u d-dok. 14639/07.

SAJD ILLEGALI, MHUX IRRAPPURTAT u MHUX IRREGOLAT

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar regolament propost immirat lejn l-istabbiliment ta' sistema Komunitarja għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat.

Huwa talab lill-kumitat tar-rappreżentanti permanenti jissorvelja aktar ħidma fir-rigward tar-regolament, b'kont meħud tar-rimarki magħmulin mid-delegazzjonijiet.

Id-dibattitu ffoka fuq tliet kwisjonijiet:

- il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament, u b'mod partikolari jekk għandux japplika għall-bastimenti Komunitarji, li huma diġà soġġetti għal reġim ta' kontroll komprensiv, jew għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi biss;
- il-piż amministrattiv li tkun tinvolvi proċedura proposta ta' ċertifikazzjoni ta' l-importazzjoni, u metodi jew miżuri alternattivi possibbli għall-prevenzjoni ta' importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħut illegali, mhux irrapurtati u mhux irregolati;
- kemm is-sanzjonijiet proposti huma adatti, u tħassib li, per eżempju, l-armonizzazzjoni proposta tista' tinterferixxi fil-prerogattivi legali ta' l-istati membri.

Il-proposta, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kunsill f'Novembru¹ li għadda, tibni fuq il-miżuri li l-UE ilha tiegħu għal aktar minn għaxar snin biex tikkumbatti s-sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat, iggwidati sa mill-2002 minn pjan ta' azzjoni Komunitarju (dok. 9399/02)². Iżda waqt li l-miżuri eżistenti jiffoka l-aktar fuq il-kontroll ta' attivitajiet fuq il-baħr, ir-regolament il-ġdid ser ikopri l-katina kollha tal-forniment (qbid, trasbord, ipproċessar, żbarkar u kummerċ).

¹ Ara d-dikjarazzjoni għall-istampa 15333/07.

² Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' 7 ta' Ġunju 2002, dok. 9528/02.

In-negozju ta' sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat huwa ekwivalenti għat-tieni l-akbar produttur tas-sajd tad-dinja, b'valur tas-suq stmat ta' aktar minn EUR 10 biljun. Dan jikkawża dannu importanti għall-industrija tas-sajd legali, iquieghed f'periklu s-sostenibbiltà ta' l-istokkijiet tal-ħut u jikkostitwixxi theddida għall-ambjent marin bl-użu ta' metodi tas-sajd ipprojbti u n-nuqqas ta' rispett għaż-żoni protetti. Barra minn hekk, il-komunitajiet kostali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw isofru mis-sakkegġament tar-riżorsi li huma vitali għalihom.

PJAN TA' RKUPRU GĦALL-ISTOKKIJIET TAL-MERLUZZ

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissarju Joe Borg ta' regolament propost immirat lejn it-tisħiħ tal-pjan ta' rkupru għall-istokkijiet tal-merluzz. Sar skambju ta' fehmiet.

Huwa talab lill-kumitat tar-rappreżentanti permanenti jissorvelja l-eżami dettaljat tat-test.

Il-pjan ta' rkupru, stabbilit fl-2004 taħt ir-Regolament 423/2004, huwa mmirat biex jiżgura r-rikostituzzjoni ta' l-istokkijiet tal-merluzz f'perijodu ta' għaxar snin għal-livelli prekawzjonarji ssuġġeriti mix-xjenzati. Il-proposta, approvata mill-Kummissjoni fit-2 ta' April, hija intenzjonata li ttejjeb diversi aspetti tal-pjan, ladarba l-istokkijiet tal-merluzz għadhom taħt pressjoni kbira (*dok. 7676/08*).

Il-bdil propost prinċipali huwa li ġej:

- reviżjoni ta' l-oġettivi għall-perijodu fit-tul tal-pjan, sabiex jittieħed kont ta' l-effetti tar-riskaldament globali fuq il-kundizzjonijiet ta' l-oċean;
- l-inklużjoni ta' oġettiv dwar il-mortalità tas-sajd;

- implimentazzjoni simplifikata u aktar effiċjenti ta' sistema ta' ġestjoni sabiex ikun regolat l-isforz tas-sajd;
- approċċ modulat għall-aġġustament ta' l-opportunitajiet tas-sajd fejn l-irkupru huwa diġà miksub għal stokk partikolari;
- miżuri biex jitnaqqas ir-rimi tal-merluzz u biex is-sajjieda jkunu inkoraġġuti jinvolve ruħhom fi programmi li jevitaw il-merluzz;
- l-inklużjoni tal-Baħar Ċeltiku fil-pjan ta' rkupru.

Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar indika li s'issa t-tnaqqis fil-qabdiet tal-merluzz naqsu milli jippermettu l-irkupru ta' erba' stokkijiet tal-merluzz koperti bir-Regolament 423/2004, fil-Kattegat, fil-Baħar Nordiku (inkluż is-Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant), f'ilmijiet lejn in-naħa tal-Punent ta' l-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż.

AFFARIJIET OĦRAJN

– Politika komuni tas-sajd - Pjan ta' azzjoni għas-simplifikar u t-titjeb tal-PKS

Il-Kunsill ingħata informazzjoni mill-Kummissarju Joe Borg dwar il-progress fir-rigward ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni għall-politika komuni tas-sajd (PKS) stabbiliti taħt il-pjan ta' azzjoni PKS 2006-2008.

Reviżjoni tal-progress fis-simplifikazzjoni tal-PKS issir matul kull presidenza ta' sitt xhur. Il-pjan ta' azzjoni jsegwi mill-ftehim ta' l-2003 bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE dwar "*tfassil aħjar tal-liġijiet*", li pprovda l-qafas għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja.

– Mawritanja - Ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd

Il-Kunsill ħa nota ta' intervent mill-Kummissarju Joe Borg fir-rigward ta' l-inizjalizzazzjoni ta' protokoll ġdid għall-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd UE-Mawritanja, li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-floto tas-sajd ta' l-UE u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-perijodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012.

Il-Kummissarju Borg enfasizza wkoll il-ħtieġa li jkunu aċċellerati l-proċeduri għar-ratifika tal-protokoll sabiex tkun rispettata l-iskadenza għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità.

– Tonn (thunnus thynnus)

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-Kummissarju Joe Borg dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru tat-tonn (*thunnus thynnus*) għall-2008, speċjalment fir-rigward tal-kontrolli.

Il-pjan ta' rkupru, adottat f'Novembru 2006 mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT), ilu fis-seħħ minn Ġunju 2007. Il-Komunità implimentatu f'Diċembru 2007 billi stabbilixxiet pjan ta' rkupru pluriennali għat-tonn (*thunnus thynnus*) fl-Atlantiku tal-Lvant u l-Mediterran taħt ir-Regolament 1559/2007. Reviżjoni tal-pjan ta' rkupru ta' l-ICCAT hija mistennija matul il-laqgħa annwali ta' l-ICCAT f'Novembru.

Il-pjan jistipula tnaqqis progressiv tal-qabdiet permissibbli totali tat-tonn (*thunnus thynnus*) u diversi miżuri tekniċi, bħall-għeluq staġjonali tas-sajd u d-daqsijiet ta' l-iżbark minimi, kif ukoll sistema ġenerali ġdida ta' rappurtar u kontroll sabiex jinqered is-sajd illegali. Fl-2007, madankollu, il-Komunità ma setgħetx timplimenta bis-sħiħ il-pjan u kellha tiddikjara sajd żejjed lill-ICCAT; din is-sena ser tkun għalhekk kruċjali għall-konservazzjoni tat-tonn (*thunnus thynnus*).

– *Merluzz Ċeltiku*

Il-Kunsill iddiskuta, fuq talba tad-delegazzjoni Franċiża, is-segwitu ta' impenn magħmul mill-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kunsill fis-17-19 ta' Diċembru biex ikunu riveduti l-qabdiet permessi totali maqbulin għall-2008 għall-merluzz Ċeltiku fiż-żoni ta' l-ICES¹ VIIb sa VIIk, VIII, IX u X.

– *Negożjati kummerċjali dinjin - Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp*

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-Kummissarju Mariann Fischer-Boel dwar l-aħħar żviluppi fin-negożjati dwar kwistjonijiet agrikoli taħt l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp tad-WTO, wara kuntatti bilaterali fost il-partijiet prinċipali matul l-aħħar fteit ġimgħat u fit-tħejjija għal laqgħa ministerjali possibbli tad-WTO f'Ġinevra x-xahar li ġej.

¹ Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar

Huwa kellu skambju ta' fehmiet.

– ***Sigurtà ta' l-ikel u l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-bijo-enerġija - konferenza tal-FAO***

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-presidenza dwar it-tħejjijiet għal konferenza ta' livell għoli dwar is-sigurtà ta' l-ikel fid-dinja u l-isfidi tat-tibdil fil-klima u l-bijo-enerġija, li għandha tkun organizzata mill-Organizzazzjoni tan-NU għall-Ikel u l-Agrikoltura f'Ruma mit-3 sal-5 ta' Ġunju (dok. 8165/08).

Għal aktar informazzjoni: <http://www.fao.org/foodclimate/>

– ***Konferenza reġjonali tal-FAO għall-Ewropa***

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar it-tħejjijiet għas-26 konferenza reġjonali għall-Ewropa ta' l-Organizzazzjoni tan-NU għall-Ikel u l-Agrikoltura, li għandha ssir f'Innsbruck fis-26-27 ta' Ġunju (dok. 8201/08).

Il-konferenza ser tiffoka fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-promozzjoni ta' prodotti agrikoli u ikel reġjonali tradizzjonali.

– ***Restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' ifrat u nġhaġ infettati bil-bluetongue***

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża dwar il-pjanijiet tagħha li tneħħi r-restrizzjonijiet nazzjonali tagħha fuq l-importazzjonijiet minn stati membri oħrajn ta' ifrat u nġhaġ infettati bil-bluetongue, fid-dawl tal-ħtiġiet il-ġodda li għandhom ikunu imposti fil-livell Komunitarju (dok. 8290/08).

– *Dekontaminazzjoni kimika ta' laħam frisk*

Il-Kunsill ħa nota ta' intervent mid-delegazzjoni Franċiża dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza d-dekontaminazzjoni kimika ta' laħam frisk (*dok. 8310/08*).

– *Sitwazzjoni fis-suq tal-majjal*

Il-Kunsill iddiskuta, fuq talba tad-delegazzjoni Franċiża, id-diffikultajiet li għad hemm fis-settur tal-laħam tal-majjal.

– *Frodi fis-settur ta' l-inbid fl-Italja*

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana dwar każ reċenti ta' frodi fis-settur ta' l-inbid fl-Italja.

– *Deni tal-ħnieżer fis-Slovakkja*

Il-Kunsill kien infurmat mill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħudin b'reazzjoni għal każ ta' deni tal-ħnieżer fis-Slovakkja.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AGRIKOLTURA

Organizzazzjoni tas-suq komuni - Inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda

Il-Kunsill adotta regolament li jemenda r-Regolament 1234/2007 li ssostitwixxa r-Regolamenti differenti dwar l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq (OKS) b'organizzazzjoni komuni unika għas-swieq agrikoli kollha. ([7354/1/08](#))

Ir-Regolament emendatorju jinkorpora dispożizzjonijiet adottati reċentement għaz-zokkor, iż-żrieragħ, il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, iċ-ċanga u l-vitella u għas-settur tal-frott u l-ħaxix f'OKS unika u jħassar numru importanti ta' regolamenti obsoleti fis-settur tal-frott u l-ħaxix. B'dan il-mod jikkontribwixxi għal simplifikazzjoni regolatorja ulterjuri u jgħin biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali.

Prezzijiet taz-zokkor tal-kannamiela - Negożjati ma' l-istati AKP u l-Indja

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negożjati ma' l-istati produttori AKP u ma' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti applikabbli għaz-zokkor tal-kannamiela minn dawn il-pajjiżi fil-perijodu ta' provvista mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 u mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009.

Taħt il-protokoll taz-zokkor għall-ftehim ta' sħubija AKP-KE u l-ftehim dwar iz-zokkor tal-kannamiela KEE-Indja, il-Komunità timpenja ruħha li tixtri u timporta kwantitajiet ta' zokkor bi prezzijiet garantiti. Dawn il-prezzijiet għandhom jiġu negożjati annwalment, fil-firxa ta' prezzijiet miksuba fil-Komunità, b'kont meħud tal-fatturi ekonomiċi rilevanti kollha.

POLITIKA KOMUNI TA' SIGURTÀ U DIFIŻA

Iraq - missjoni integrata ta' l-UE ta' l-istat tad-dritt

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta li testendi u temenda l-mandat tal-missjoni integrata ta' l-istat tad-dritt ta' l-UE għall-Iraq, EUJUST LEX (7844/08).

L-azzjoni konġunta testendi l-azzjoni konġunta 2005/190/PESK dwar EUJUST LEX sat-30 ta' Ġunju 2008, u temenda l-baġit tagħha biex tkopri n-nefqa għall-perijodu sa dik id-data. L-ammont totali minn Marzu 2005 sat-30 ta' Ġunju 2008 huwa ta' EUR 21.2 miljun.

Stabbilita biex issaħħaħ l-istat tad-dritt u tippromwovi kultura ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq, EUJUST LEX tipprovdi opportunitajiet ta' żvilupp professjonali lil uffiċjali Iraqini anzjani mis-sistema tal-ġustizzja kriminali. L-Istati Membri jipprovdu korsijiet li joffru opportunitajiet ta' taġlim u juru l-aħjar Prattika fl-istat tad-dritt. L-għan huwa li jitravmu l-fiduċja, ir-rispett reċiproku u l-kooperazzjoni operattiva bejn il-fergħat differenti tas-sistema tal-ġustizzja kriminali Iraqina (pulizija, ġudikatura u penitenzjat).

Aktar informazzjoni dwar EUJUST LEX tinsab fi:

<http://www.consilium.europa.eu/eujust-lex>

Armi tal-qerda massiva - appoġġ mill-UE għal organizzazzjonijiet internazzjonali

- Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika - Sigurtà nukleari u verifika

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta b'appoġġ ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika (IAEA) fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari (8093/1/08). Din tiżgura l-kontinwità tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-IAEA u tibni fuq il-ħidma miksuba taħt azzjonijiet konġunti preċedenti.

L-UE ser tappoġġa l-attivitajiet ta' l-IAEA permezz ta' proġetti mmirati lejn:

- it-tiżiħ ta' l-infrastrutturi leġislattivi u regolatorji nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' l-istrumenti internazzjonali rilevanti fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari;
- l-assistenza lill-pajjiżi terzi fit-tiżiħ tas-sigurtà u l-kontroll ta' materjali radjuattivi; u
- it-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi għall-iskoperta u r-rispons għat-traffikar illeċitu ta' materjali radjuattivi.

L-UE ser tikkontribwixxi EUR 7,7 miljun għall-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti. Hija tibqa' donatur ewlieni tal-fond ta' l-IAEA għas-sigurtà nukleari.

- Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa - Bijo-sikurezza u bijo-sigurtà

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta b'appoġġ ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fil-qasam tal-bijo-sikurezza u l-bijo-sigurtà fil-laboratorji (7871/08).

Taħt din l-azzjoni konġunta l-UE ser tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-konvenzjoni dwar l-armi bijoloġiċi u tossiċi (BTWC) permezz ta' attivitajiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà ta' aġenti bijoloġiċi u tossini, bil-ħsieb tal-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għal u l-użu tat-tali aġenti u tossini għal finijiet malizzjużi.

Il-proġetti ser jindirizzaw l-oqsma ta' tħassib li ġejjin għat-tixrid aċċidentali u intenzjonat tal-mard:

- ir-riskju li terroristi jkollhom aċċess għal patoġeni/tossini bijoloġiċi perikolużi;
- ir-rispett ta' l-istandards ta' bijo-sikurezza u bijo-sigurtà fil-laboratorji; u
- il-prevenzjoni ta' inċidenti fil-laboratorji u r-rilaxx aċċidentali ta' bijo-materjali perikolużi minħabba prattika inadegwata fil-laboratorji u f'faċilitajiet oħrajn, u nuqqas ta' konformità mar-regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-ippakkjar u t-trasbord ta' sustanzi infettużi.

L-UE ser tikkontribwixxi EUR 2.1 miljun għall-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti.

L-azzjoni konġunta timplimenta l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill 2006/242/PESK relatata mal-konferenza ta' reviżjoni tal-BTWC 2006, li inkoraġġiet lill-membri tagħha jkomplu jsaħħu l-organizzazzjonijiet internazzjonali u n-networks li jaħdmu fuq mard infettuż, inkluża d-WHO.

Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD). Ir-rapport jidentifika kwistjonijiet ewlenin u oqsma eżistenti ta' defiċjenza, jistabbilixxi miżuri prattiċi dwar kif jingħelbu u jagħmel suġġerimenti bil-ħsieb tar-reviżjoni li jmiss ta' l-azzjoni konġunta tal-Kunsill (16846/07).

Il-KESD huwa organizzat bħala netwerk bejn istituti nazzjonali, kulleġġi, akkademji u istituzzjonijiet fl-UE li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-politika ta' sigurtà u difiża u l-Istitut ta' l-UE għall-Istudji dwar is-Sigurtà (EU ISS)**Error! Hyperlink reference not valid.** Il-missjoni u l-oġettivi tal-KESD huma li jkun ipprovdut taħriġ fil-qasam tal-politika Ewropea ta' sigurtà u difiża (PESD) fil-livell strateġiku sabiex:

- ikun żviluppat u promoss intendiment komuni tal-PESD fost il-persunal ċivili u militari;
- tkun identifikata u mxerrda, permezz ta' l-attivitajiet ta' taħriġ tiegħu, l-aħjar prattika fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet relatati mal-PESD;
- tkun imsaħħa aktar il-kultura ta' sigurtà Ewropea fil-PESD;
- ikun ipprovdut persunal infurmat tajjeb u familjari mal-politika, l-istituzzjonijiet u l-proċeduri ta' l-UE lill-organi ta' l-UE, l-amministrazzjonijiet u l-persunal ta' l-Istati Membri; u
- tkun meħħjuna l-promozzjoni ta' relazzjonijiet u kuntatti professjonali fost il-parteciċipanti tat-taħriġ.

Aktar informazzjoni dwar il-KESD tinsab fi:

<http://www.consilium.europa.eu/esdc>

ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

Baġit tas-SIS u s-SISNET - Parteċipazzjoni ta' l-Isvizzera

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni 2000/265/KE dwar l-istabbiliment ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti baġitarji ta' l-amministrazzjoni ta' kuntratti relatati mas-SISNET (installazzjoni u l-funzjonament ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen) (7791/08) bil-ħsieb tal-parteeipazzjoni ta' l-Isvizzera fl-acquis ta' Schengen.

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

Ir-Repubblika tal-Ginea - Rispett għall-prinċipji demokratiċi

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li testendi għal sena l-perijodu ta' monitoraġġ fir-rigward tal-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea abbażi tal-ftehim ta' sħubija AKP-UE, sabiex l-awtoritajiet tal-Ginea jkunu jistgħu jirrispettaw bis-sħiħ l-impenji meħudin fir-rigward tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi (7500/08).

Fl-2005 l-Kunsill iddeċieda li jieħu miżuri, inkluża s-sospensjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, wara konsultazzjonijiet taħt l-Artikolu 96 tal-ftehim AKP-UE wara deterjorazzjoni fl-ambjent demokratiku fil-Ginea. Maż-żmien, bi tweġiba għall-progress fil-pajjiż, l-appoġġ taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ġie stabbilit mill-ġdid.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill fl-2005 kienet tipprevedi wkoll perijodu ta' monitoraġġ li ntemm fl-14 ta' April. Matul dan il-perijodu, kien hemm djalogu politiku rinforzat mal-Ginea. Id-djalogu politiku ppermetta, b'riżultat tal-progress li sar, ir-rilaxx lill-Ginea ta' EUR 85.8 miljun mid-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp fi tmiem l-2006.

Missjonijiet ta' segwitu sussegwenti mill-UE kkonfermaw li l-miżuri mwettqin mill-awtoritajiet tal-Ginea qed jipproċedu b'mod ġeneralment pożittiv, partikolarment f'termini tal-proċess elettorali, appoġġat b'qawwa mill-UE, u fil-qasam tal-politika makro-ekonomika. Madankollu, l-organizzazzjoni ta' l-elezzjonijiet parlamentari, inkluż l-istipular ta' data, li huwa wieħed mill-impenji prinċipali meħudin mill-gvern tal-Ginea, s'issa għadha ma ġietx iffinalizzata.

Il-Kunsill ser jirrevedi d-deċiżjoni fid-dawl tal-progress.

Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni tat-tnejjijiet għat-12-il sessjoni tal-konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD XII), li ser issir f'Akkra, fil-Gana, mill-20 sal-25 ta' April 2008.

It-tema prinċipali tal-konferenza hija "L-indirizzar ta' opportunitajiet u sfidi tal-globalizzazzjoni għall-iżvilupp"¹.

¹ <http://www.unctadxii.org/en/>

F'Ottubru li għadda, il-Kunsill iddikjara l-oġġettivi u l-prijoritajiet prinċipali ta' l-UE għall-UNCTAD XII (14209/07). L-oqsma ta' prijorità ewlenin ta' l-UE matul l-erba' snin li ġejjin huma: l-integrazzjoni kummerċjali u reġjonali xlokk-xlokk, il-prodotti bażiċi u l-kummerċ f'riżorsi naturali, l-investiment u l-kompetizzjoni, it-tisħiħ ta' l-UNCTAD permezz ta' riforma, u l-ġoti ta' attenzjoni speċjali lill-Afrika u l-pajjiżi l-inqas żviluppati.

POLITIKA KUMMERĊJALI

Ftehim kummerċjali plurilaterali kontra l-kontrafazzjoni

Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati dwar ftehim kummerċjali plurilaterali kontra l-kontrafazzjoni.

STATISTIKA

Statistika Komunitarja dwar l-istruttura u l-attività ta' affiljati barranin

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' abbozz ta' miżura proposta mill-Kummissjoni li timplimenta u temenda r-Regolament 716/2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin.

Statistika dwar id-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien *

Il-Kunsill adotta Regolament li jimplimenta r-Regolament 1177/2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjt u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien fir-rigward tal-lista ta' l-2009 tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-privazzjoni materjali ([7172/08](#), [7643/08 ADDI](#)).

Dan ir-Regolament implimentattiv huwa parti minn sforz għall-monitoraġġ aħjar tan-natura multi-dimensjonali u d-dimensjoni mhux relatata mad-dħul tal-faqar u l-esklużjoni soċjali permezz ta' l-iżvilupp ta' għodda statistika adatta.

Il-qafas komuni ġenerali għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien kien stabbilit permezz tar-Regolament 1177/2003. Dan jipprevedi data rappreżentattiva u lonġitudinali paragunabbli u f'waqtha dwar id-dħul u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livell nazzjonali u dak ta' l-UE.

AMBJENT

Kwalità ta' l-arja

Il-Kunsill adotta Direttiva mmirata lejn it-titjib tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent fl-Ewropa kollha, li tapprova l-emendi kollha vvutati mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari ([3696/1/07](#) u [7690/1/08 ADDI](#)).

Id-Direttiva tenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu f'ras il-għajn u ta' l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Komunitarju.

B'mod aktar speċifiku, id-Direttiva tistabbilixxi miżuri mmirati lejn:

- l-istabbiliment ta' objettivi fir-rigward tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent imfasslin biex jevitaw, jimpedixxu jew inaqqsu l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;
- il-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-arja fl-ambjent fl-UE abbażi ta' metodi u kriterji komuni;
- il-kisba ta' informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent biex ikunu monitorjati x-xejriet u t-titjib fil-perijodu fit-tul, u l-iżgurar li tali informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
- iż-żamma tal-kwalità ta' l-arja fejn din tkun tajba, u t-titjib tagħha fil-każijiet l-oħrajn;
- il-promozzjoni ta' aktar koperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' l-UE fit-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-arja.

Il-miżuri l-ġodda ġew imfasslin biex ikunu miġġielda l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu atmosferiċi li jagħmlu ħsara, b'kont meħud ta' l-akkar żviluppi reċenti xjentifiċi u dawk relatati mas-saħħa u ta' l-esperjenza miksuba, kif ukoll ta' l-istandards, il-linji gwida u l-programmi rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Filwaqt li tkopri s-sustanzi li jniġġsu atmosferiċi prinċipali kollha, id-Direttiva tagħti attenzjoni speċjali lill-partikuli u t-tniġġis ta' l-ożonu fil-livell ta' l-art minħabba l-periklu tagħhom għas-saħħa tal-bniedem. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda għandhom l-għan li jiksibu tnaqqis ġenerali tal-konċentrazzjonijiet ta' partikuli fini, magħrufin bħala PM_{2.5}, fl-ambjent urban biex ikun żgurat li partijiet kbar mill-popolazzjoni jibbenefikaw minn kwalità aħjar ta' l-arja.

Id-Direttiva l-għdida hija intenzjonata wkoll li tipprovdi ċarezza, sempliċità u effiċjenza akbar billi tissostitwixxi ħames strumenti legali eżistenti: id-Direttiva dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ċirkostanti (96/62/KE); id-Direttiva dwar il-valuri ta' limitu tad-dijossidu tal-kubrit, tad-dijossidu tan-nitroġenu u l-ossidi tan-nitroġenu, materji f'partiċelli u ċomb fl-arja ambjentali (1999/30/KE); id-Direttiva dwar valuri ta' limitu għall-benżin u monossidu karboniku fl-arja ta' l-ambjent (2000/69/KE); id-Direttiva dwar l-ożonu fl-arja ambjentali (2002/3/KE); u d-Deċiżjoni li tistabbilixxi skambju ta' informazzjoni u data reċiproka min-networks u stazzjonijiet individwali li jkejlu t-tniġġis ta' l-arja ta' l-ambjent fl-Istati Membri (97/101/KE).

Id-Direttiva hija parti mill-istrateġija ta' l-UE dwar it-tniġġis ta' l-arja li hija mmirata lejn it-tnaqqis tan-numru ta' mwiet prematuri minħabba mard relatat mat-tniġġis ta' l-arja minn 40 % sa l-2020 mil-livell ta' l-2000, kif ukoll lejn it-tnaqqis tal-ħsara lill-foresti u l-ekosistemi minn sustanzi li jniġġsu atmosferiċi.

KULTURA

Sħubija Ewro-Mediterranja - Konferenza tal-Ministri tal-kultura

Il-Kunsill adotta linji gwida ta' l-UE bi tħejjija għall-konklużjonijiet ta' konferenza tal-Ministri tal-Kultura tas-Sħubija Ewro-Mediterranja li ser issir f'Ateni fid-29 u t-30 ta' Mejju 2008.

It-test ser jintbagħat lill-pajjiżi msieħba Mediterranji u ser ikun finalizzat wara negozjati magħhom.

ĦATRIET

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar għall-bqija tal-mandat preżenti, li jispiċċa fl-aħħar ta' l-20 ta' Settembru 2010 lis-Sinjura Heidi LOUGHEED bħala membru.
